**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 97/2012**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs.**

**Charles Debono**

Illum it-3 ta' Novembru 2020

Il Qorti:

Rat l-akkuzi kontra Charles Debono ta' 47 sean bin il-mejjet Carmelo u CArmen nee' Camilleri imwieled Pieta' fis-26 ta' Dicembru 1964 u joqghod 158 Bini tal-Gvern Flt 4 Triq il-Wied ta' l-Msida, Msida, detentur tal-karta tal-identita' numru 36665(M).

Tressaq tali:

Billi int akkuzat talli f'Jannar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiejt differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircevejt minghand Joseph Debono detentur tal-karta ta' l-identita' numru 413065 (M) u Diana Degabriele detentrici tal-karta tal-identita' numru 61786 (M) xi weghda li jinghata, lilek jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qligh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini ta' l-artikoli 18 u 298C tal-Kodici Krminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

aktar talli sir recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Krminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-17 ta’ April 2012, ai termini ta’ l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

[1] Folio 13 ta’ l-atti processwali

Rat illi f'din il-kawza kienet diga inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura ppresjeduta mill-Magistrat Emeritus Dr. A. Micallef Trigona nhar it-8 ta' April 2014[2].

Rat illi din is-sentenza giet appellata mill-Avukat Generali[3] u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali pprejeduta mill-Imhallef Giovanni Grixti annullat s-sentenza appellata u ordnat li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tipprocedi mill-gdid u skont il-ligi fuq l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellat.[4]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2016, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[5]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[6]

Rat li fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.[7]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-22 ta' Marzu 2017.[8]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-24 ta' Frar 2020.[9]

---

[2] Folio 49-50 ta' l-atti processwali
[3] Folio 53-57 ta' l-atti processwali
[4] Folio 91-99 ta' l-atti processwali
[5] Folio 105-106 ta' l-atti processwali
[6] Folio 204-206 ta' l-atti processwali
[7] Folio 209 ta' l-atti processwali
[8] Folio 143 ta' l-atti processwali
[9] Folio 211 ta' l-atti processwali

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2020 il-partijiet qablu li jigu pprezentati noti ta' sottomissjonijiet f'termini stabbiliti u li wara ssir it-trattazzjoni finali.[10]

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 202 ma deher hadd ghat-trattazzjoni finali, kif ukoll li ma gewx ipprezentati n-noti ta' sottomissjonijiet.[11]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal Jannar tas-sena 2012 meta certu Joseph Debono flimkien mas-siehba tieghu Diane Degabriele rraportaw li fis-Sajf tas-sena 2010, l-istess Joseph Debono kien beda jimporta u jittrasporta vetturi ghal Malta. Joseph Debono isellef s-somma ta' elfejn u hamis Euro (€2,500) mill-imputat ghal dan il-ghan biex ikun jista' jaghmel dan in-negozju, bil-ftehim li dawn il-flus ghandhom jithallsu lura f'pagamenti ta' erba' mitt Euro (€400) fil-gimgha lill-imputat.

---

[10] Folio 211 ta' l-atti processwali
[11] Folio 249 ta' l-atti processwali

Illi wara li Debono u Degabriele hallsu lura madwar tlett elef u mitt Euro (€3,100), l-imputat baqa' jinsisti ghal aktar pagamenti u f'dan ir-rigward beda jigri warajhom u jheddidhom u kien hemmhekk li nbdew proceduri fil-konfront ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fuq bazi preliminari jigi rilevat li dan il-kaz rega' beda mill-gdid fuq ordni tal-Qorti ta' l-Appell.

Illi l-ordni tal-Qorti ta' l-Appell kien car fil-kliem u li l-kawza ghanda tipprocedi **mill-<u>gdid</u>** u mhux titkompla minn fejn thalliet.

Din il-Qorti, kif ukoll l-istess Qorti kif kienet diversament ippreduta tista' ghalhekk tikkonsidra biss dawk id-dokument, xhieda u atti li gew ezebiti jew ipprezentati fl-atti processwali wara li regghet inbdiet din il-kawza. Dan ifisser li l-provi kollha li tista tqis din il-Qorti huma dawk kollha pprezentati wara l-11 ta' Novembru 2016 meta rega' nqraw l-akkuzi bil-gurament u sar l-ezami ta' l-imputat.[12]

Illi rat ukoll li wara li nqraw l-akkuzi mill-gdid, dokumenti li kienu esebiti fis-smiegh tal-kawza l-ewwel darba quddiem il-Magistrat Emeritus Dr. A. Micallef Trigona ma regghux gew esebiti.

Il-Qorti rat ukoll li l-partijiet qatt ma ezentaw il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta quddiem (dak iz-zmien Magistrat illum Imhallef) Dr. Aaron Bugeja mill-terga' tisma' l-provi mill-gdid ta' dawk li kienu diga xehdu quddiem il-Magistrat Emeritus Dr. A Micallef Trigona.

---

[12] Folio 104 ta' l-atti processwali

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat li d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli tressaq b'xhieda lil PC 1550 Joseph Mallia bhala xhud taz-zewg stqarrijiet, PS 290 John Paul Formosa, xhud ta' wahda mid-dikjarazzjonijiet u WPC 287 Rose Marie Ellul xhieda tad-dikjarazzjoni tal-imputat.[13]

Madankollu kemm l-istqarrija kif ukoll dawn id-dokument qatt ma gew esebiti wara li l-Qorti ta' l-Appell tat l-ordni taghha sabiex din il-kawza terga tinstema mill-gdid.

Il-Qorti rat ukoll li d-difiza ta' l-imputat, waqt l-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru 2017 ivverbalizzat is-segwenti.

*"L-Avukat Difensur ghamel riferenza ghal dokument a folio 26 ta' l-atti processwali, Dok MC4 u stqarret illi dan id-dokument hemm fuqu kitba li allegatament saret minn Diane Degabriele izda l-istess Degabriele, skond l-Ispettur Curmi, kienet cahdet li hi kienet kitbet l-istess karta.*

*Ghalhekk talab li jitqabbad espert tekniku sabiex janalizza dan id-dokument u wara li jkun ha kampjun tal-kitba ta' Degabriele jirrelata dwar jekk id-dokument MC4 giex miktub minn Degabriele jew le."*

F'dan ir-rigward, il-Qorti kif kienet diversament preseduta laqghat it-talba u hatret espert.

Madankollu dan id-dokument MC4 qatt ma gie formalment ipprezentat fl-atti processwali wara li l-Qorti ta' l-Appell regghet tat ordni sabiex il-kawza tinbeda mill-gdid u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis u tiehu in konsiderazzjoni dak li jirrigwarda Dok MC4 fid-deliberazzjonijiet taghha.

---

[13] Folio 143 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidiat**

**L-artikolu 298C – L-uzura**

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat huwa tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298C (1) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk:

"*Kull min jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax il-xahar u ghall hlas ta' multa….*"

Kif gie ritenut fil-kaz **Il-Pulizija vs Emanuel Ellul u – Omissis-**[14]

*"Ghalhekk, l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna ghal dan ir-reat ta' uzura hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikoli 1139 u 1852 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm ukoll l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li fiz-zmien kontemplat fic-citazzjoni kienu flArtikolu 1852 tal-Kodici Civili u li bl-Att III tal-2009 gew abrogati u inkorporati f'diversi ligijiet ohra li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina."*

[14] Qorti tal-Magistrati (Malta), Gudikatura Kriminalil Magistrat Dr. Marse-Ann Farrugia; Deciza 3 ta' Lulju 2019

Illi din is-sentenza taghmel referenza gha-sentenza **Il-Pulizija vs George Xuereb**[15] li kienet titratta wkoll allegazzjoni ta' uzura, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

*"Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti filprocess u rrizultalha li hi ferm aktar verosimili l-versjoni ta' Muscat li s-self massicc li kien qed isir kien qed jinghata versu korrispettiv u mhux gratis et amoris kif jallega lappellant. Hadd f' sensieh ma jislef flejjes f' dawk l-ammonti lill-persuna li jkun jaf li hija midjuna serjament ma terzi, bla ebda garanzija w minghajr korrispetiv. Ghalkemm millprovi ma jirrizultax li tali korrispettiv kien ha l-forma ta' rata ta' imghax fiss in eccess ghal dak permess mil-ligi, jidher li dan ha forma li solitament u komunement jiehu f' kazijiet ta' self bl-uzura w cioe' fejn, meta jinghata ammont b' self dan mal-ewwel jinkiteb f'ammont doppju b'mod li jigi jidher li l-ammont misluf ikun wiehed fiss u bla ma jissemma xi imghax ghalkemm dan l-ammont ikun fittizju ghax fih ikun jinkludi kemm ilkapital li jrid jithallas lura kif ukoll il-korrispettiv eccessiv li jigi immaskrat b' dan ilmod, f' kaz li wara jinqala' l-inkwiet bejn il-mutwant u l-mutwatarju.*

… …

*Issa f' kazijiet bhal dawn hu car u manifest li jkun hemm allura korrispettiv jew qliegh iehor b' eccess minn dak massimu ta' imghax ta' 8% permess mill-ligi. Dan ghaliex ghax b' simple interest biex b'rata ta' 8% per annum tilhaq l-ammont tal-kapital, trid mill-inqas tnax il-sena w nofs. Invece, bl-espedjent appena deskritt, tali korrispettiv isir dovut minnufieh. Ergo dak li bil-ligi ma jkunx dovut qabel tnax il-sena w nofs bir-rata massima tal-imghax legali, jigi dovut u ezigibbli minnufieh. Dan certament jinkwadra ruhu flelement materjali tar-reat kif espress b' mod car fil-ligi taghna. Lanqas hu korrett l-appellant fir-*

[15] Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri); Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza fil-15 ta' Jannar 2009.

*rikors tal-appell tieghu meta jissottometti li biex jissussisti dar-reat ta' uzura hemm il-bzonn ta' xi intenzjoni specifika diretta li l-mutwant ikun irid jghakkes u jisfrutta lill-mutwatarju jew li jrid jiehu vantagg mill-pozizzjoni finanzjarja mwieghra tieghu. Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevoli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv, bhal ma jirrizulta li kien qed isir f' dan il-kaz, bil-mod fuq deskritt. Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Francis Formosa**[16] fejn spjegat li:

*"Taħt dan l-artikolu, l-uniku element meħtieġ sabiex jissussisti r-reat ta' użura huwa "li dak li jkun jikseb wegħda li jingħataw b' korrispettiv ta' self, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor b' eċċess ta' dak li jkun permess mill-liġi. Dan leċċess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Ċivili li jipprovdi għal rata ta' 8%. Hemm umbagħad l-artikolu 1854 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imgħax ma tkunx ġiet miftehma, l-imgħax għandu jitqies bil 5%. Għal dan il-prinċipju hemm xi eċċezzjonijiet li japplikaw fil-każijiet ta' banek, meta jinħargu bonds għall-pubbliku, eċċetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat għall-ħlas ta' imgħax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti għall-każ in diżamina."*

[16] Appell Nru. 182/2017; Qorti ta' l-Appell Krininali (Inferjuri) deċiża mill-Imħallef Edwina Grima fl-14 ta' Diċembru, 2017

Ghalhekk din il-Qorti trid tara li l-konsummazzjoni tar-reat sehh hekk kif saret il-weghda li jithallas imghax ghola minn dak permess bil-ligi.

Minn ezami ta' awturi bhal Antolisei jinghad li fir-rigward l-element formali tar-reat:

*"Il dolo e' costituito dalla volonta di farsi dare o promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza ... che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto alla propria prestazione".*

Ghar-rigward il-konsumazzjoni, jinghad li ssir fil-mument li ssir il-weghda u ghalhekk ir-reat huwa wiehed istantanju pero' b'effetti permanenti tul iz-zmien kollu li fih ikunu qeghdin isiru l-pagamenti.

Ghalhekk mill-provi li trid tanalizza din il-Qorti hemm bzonn li jirrizulta s-segwenti:

1. Ftehim ta' self bejn il-vittmi u l-awtur tar-reat;
2. Ftehim u konsapevolezza li l-awtur qieghed jitlob imghax in eccess minn dak permess legalment.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi mix-xhieda ta' Joseph Saliba[17] li xehed bhala rapprezentant tal-Jobs Plus irrizulta li l-ahhar li hadem l-imputat kien fis-sena 1996.[18]

Mix-xhieda ta' Toufik Haj Toum irrizulta[19] li x-xhud kien sellef lil Joseph Debono u li Diane Degabriele madwar tlett elef Euro. Sussegwentement kien taghhomlu lura l-imputat biex jaghmel tajjeb ghad-dejn ta' Joseph Debono u Diane Degabriele.

Mix-xhieda ta' Saviour Theuma irrizulta[20] li l-imputat kien qed jircievi ghajnuna tal-qaghad li kien waqaf fit-3 ta' Frar ta' l-2017 minhabba l-fatt li ma kienx baqa' jirregistra mal-ETC. L-imputat kien qed jircievi wkoll ghajnuna tal-mard u ghajnuna supplimentari.[21]

Mix-xhieda ta' Diane Degabriele irrizulta[22] li x-xhud kienet isselfet xi flus minnghandu li sussegwentement kienet qatghathom.

> *"ghax dak kont issellift xi flus minghandu u qtajtu u baqa' jghid li ghandi naghtih imma issa rrangajna li ma jignix wara l-bieb u ma baqax jigi jdejjaqni."*[23]

Ix-xhud stqarret ukoll li kienet issellfet il-flus bl-imghax

> *"xi elfejn Euro u ta' kull mija, hamsin."*[24]

---

[17] Folio 109-111 ta' l-atti processwali
[18] Vide Dok JS1, Folio 112 ta' l-atti processwali
[19] Folio 117-123 ta' l-atti processwali
[20] Folio 124-127 ta' l-atti processwali
[21] Vide Dok ST1 esebit a folio 128-142 ta' l-atti processwali
[22] Folio 144-153 ta' l-atti processwali
[23] Folio 145 ta' l-atti processwali
[24] Folio 146 ta' l-atti processwali

Gie ikkonfermat ukoll li fiz-zmien in kwistjoni x-xhud kienet tghix ma Joseph Debono u l-imputat kien tah il-flus u kienu fthemu li jhallsuhom ftit ftit.

Ix-xhud ikkonfermat ir-rapport ufficjali li kienu ghamlu mal-pulizija li jindika li sa dak iz-zmien meta kienu ghamlu r-rapport Joseph Debono u Diane Degabriele kienu halsu s-somma ta′ madwar tlett elef u mitt Euro (€3,100) bl-uzura, fuq l-ammont ta′ elfejn u hames mitt Euro (€2,500).[25]

Mix-xhieda ta′ Joseph Debono irrizulta[26] fejn ikkonferma li kien issellef xi flus minnghand l-imputat fl-ammont ta′ madwar elfejn Euro bl-imghaxijiet u li recentement kien regghu tkellmu fejn qablu li kien zball fuq xi karti u rrangaw kollox b′tali mod li ma kienx ghad baqa′ pendenzi bejniethom.[27]

Fix-xhieda tieghu, Joseph Debono jikkonferma wkoll li hu qatt ma kien gie mhedded mill-imputat rigward dawn il-pendenzi finanzjarji ta′ bejniethom.

Mix-xhieda ta′ l-espert Joseph Mallia[28] irrizulta li hemm diskrepanza u nuqqas ta′ qbil bejn il-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-kitba li tinsab miktuba fuq id-dokument MC4, hekk kif ikkomparati mal-istess punti karatteristici li gew identifikati fil-kors tal-kitba kif rilaxxata minn Diane Degabriele.

---

[25] Folio 154- 155 ta' l-atti processwali
[26] Folio 167-173 ta' l-atti processwali
[27] Folio 168 ta' l-atti processwali
[28] Folio 212-214 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti m'ghandhix dubju li l-imputat kien silef somma ta' flus lil Joseph Debono u Diane Degabriele.

Madankollu l-prosekuzzjoni ma ressiqtx provi cara dwar ir-rata ta' l-imghax, li din ir-rata ta' l-imghax kienet in eccess ghal dik li titlob il-ligi u li kien hemm dan il-ftehim bejn il-vittmi u l-imputat.

Din il-Qorti wara li evalwat il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u qisithom fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-ligi tqis li x-xhieda moghtija u l-provi prodotti ma jikkonvincux sal-grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni u konsegwentement ihossha moralment konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha, ghal din l-imputazzjoni, sal-grad rikjest f'proceduri penali.

**Ikkunsidrat**

**L-addebita tar-recidiva**

Din il-Qorti tara li wara l-ordni tal-Qorti ta' l-Appell sabiex il-kawza tipprocedi mill-gdid il-prosekuzzjoni ma ressqitx u regghet ipprezentat provi dwar l-addebitu tar-recidiva.

Ghaldaqstant il-Qorti m'ghandix provi esebiti fuq xiex tista ssib htija u sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 298C, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Charles

Debono **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u tilliberah minn kull htija u piena.

In vista tal-fatt li Charles Debono gie liberat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex a bazi ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Charles Debono ihallas, lir-Registratur l-ispejjez tal-espert mahtur Joseph Mallia.

**Moghtija illum nhar it-3 ta' Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**